MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 3/2002/2

**Victor u Antonia konjugi Tabone,**
**u b'digriet tat-3 ta' Marzu 2006**
**il-gudizzju gie trasfuz f'isem l-ahwa John u Frank**
**ahwa Tabone minflok Antonia Tabone li mietet fil-mori**
**tal-kawza**

**v.**

**Gino u Rita konjugi Cini**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1.1. Dan hu appell ad istanza tal-atturi minn sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fil-11 ta' Ottubru 2006, li permezz taghha gew milqughin l-eccezzjonijiet tal-konvenut u michuda t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-atturi.

1.2. F'din is-sentenza appellata gie ritenut u deciz hekk:
"Il-Qorti ,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi l-atturi huma l-proprjetarji u fil-pussess ta' porzjon mill-art magħrufa "Ta' Fejn il-Ġibjun" sive "Ta' l-Għasri" fil-limiti ta' Żebbuġ, Għawdex bil-kejl ta' ċirka siegħ u nofs pari għal mitejn u wieħed u tmenin metri kwadri (281 mk.) li tmiss mill-majjistral ma' beni ta' Ġużepp Cini, lvant mal-wied u minn nofs inhar ma' beni ta' l-eredi ta' Carmelo Cini ;

Illi għal din l-art tagħhom l-atturi jidħlu minn fuq l-art li tappartjeni lill-eredi ta' Carmelo Cini u li hija fil-pussess tal-konvenuti ;

"Illi riċentement, u ċioe` mill-bidu ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) lil hawn, il-konvenuti ppretendew li jostakolaw dan l-aċċess billi l-ewwel imblokkaw id-daħla li mit-triq tagħti għal dan ir-raba u wara ffurmaw fetħa idjaq minn dik ta' qabel li minnha kienu jeżerċitaw l-aċċess tagħhom u ħallew il-parti mir-raba minn fejn jiġi eżerċitat l-aċċess ostakolata bi kwantita' ta' ġebel ;

"Illi l-aġir tal-konvenuti jikkostitwixxi molestja tal-pussess ta' l-atturi fid-drittijiet tagħhom ;

"Illi l-atturi jridu li jiġu miżmuma f'dan il-pussess ai termini ta' l-artikolu 534 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

"Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

"1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-aġir tal-konvenuti jikkostitwixxi molestja tal-pussess tagħhom.

"2. Konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti huma jneħħu x-xogħol kollu minnhom magħmul u jirripristinaw l-aċċess għat-triq għal dak li kien qabel Novembru 2001.

"3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti huma jagħmlu l-istess xogħlijiet a spejjeż tal-konvenuti.

"4. Tinibixxi lill-konvenuti milli personalment jew permezz ta' terzi bi kwalunkwe mod jidħlu jew jagħmlu xi xogħlijiet fl-aċċess imsemmi bi vjolazzjoni tal-jeddijiet ta' l-atturi.

"Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tas-7 ta' Diċembru 2001 u tal-11 ta' Jannar 2002 u tal-ittra uffiċjali spedita fis-27 ta' Novembru 2001.

"Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa qegħdin jiġu nġunti.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' l-atturi.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

"1. Illi l-atturi m'għandhom l-ebda dritt ta' passaġġ għar-raba tagħhom magħrufa bħala "Ta' Fejn il-Ġibjun" limiti taż-Żebbuġ, Għawdex minn fuq ir-raba tal-konvenuti ;

"2. Illi l-atturi għandhom jgħaddu għar-raba tagħhom minn trejqa ossija passaġġ pubbliku li jwassal eżatt sar-raba tagħhom u dan kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

"3. Illi għalhekk il-konvenuti ma kkostitwixxew l-ebda molestja fil-konfront tal-konvenuti ;

"4. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti maħlufa minn Rita Cini.

"Rat il-verbal tagħha tas-17 ta' Mejju 2006 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

"Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Ikkunsidrat :

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed ifittxu li jiġu mantnuti fil-pussess ta' dritt ta' passaġġ li huma jgħidu li għandhom minn fuq l-art tal-konvenuti deskritta fiċ-ċitazzjoni, wara li allegatament ġew immolestati f'dan il-pussess permezz ta' xogħlijiet imwettqa fl-istess art mill-konvenuti. Il-konvenuti jiċħdu li l-atturi għandhom jew qatt gawdew xi dritt ta' passaġġ minn fuq l-art tagħhom u għalhekk lanqas setgħu immolestawhom fit-tgawdija ta' ebda dritt.

"Dwar l-iskop ta' l-azzjonijiet possessorji r-**Ricci** jispjega illi :

""*il possesso …. e' costituito da una condizione di fatto che la legge, nell'interesse dell'ordine sociale, vuole sia rispettata. Nell'intento di assicurare questo rispetto, essa accorda l'esercizio delle azioni possessorie, il cui scopo e' appunto quello di conservare o di ristabilire una condizione di fatto che esige rispetto*." (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile. vol. V # 92)."

"Dawn l-azzjonijiet possessorji taħt il-Kodiċi Ċivili tagħna huma tnejn u ċioe` :

"(i) l-azzjoni sabiex il-pussessur jinżamm fil-pussess f'każ ta' molestja (art. 534) ; u

"(ii) l-azzjoni għar-radd tal-pussess f'każ ta' spoll (art. 535).

"Fl-ewwel każ l-attur li jkun ġie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqgħax jiġi mfixkel fit-tgawdija tiegħu tal-ħaġa. Fit-tieni każ jitlob li jerġa' jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma ġie mneżża bi vjolenza jew bil-moħbi minn dak il-pussess. Il-**Borsari** hekk ifissir id-distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet :

""*Chi e' molestato nel possesso puo' chiedere la manutenzione e chi e' stato spogliato del possesso puo' chiedere la reintegrazione : in quel caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia, in questo il possesso e' perduto*." (Comm. Cod. Civ. Vol. II # 1186)."

"F'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet : "**Grace Agius v. Angiolina Cutajar** (Kollez. XLIII. I. 97), insibu din id-definizzjoni klassika ta' l-elementi ta' l-azzjoni possessorja tal-manutenzjoni : "*Sabiex din l-azzjoni tista' tirnexxi jeħtieġ li jirrikorru erba' elementi, u ċioe` :*

"*(a) l-attur irid jipprova li l-azzjoni tiegħu tirrigwarda oġġett immobbli jew universalita' ta' ħwejjeġ mobbli ;*

"*(b) li huwa jinsab fil-pussess ta' liema xorta jkun, tal-ħaġa,*

"*(c) li jkun ġie mmolestat f'dan il-pussess, u*

"*(d) li l-azzjoni tkun ġiet eżerċitata fi żmien sena mill-molestja.*

"*Inoltre, skond il-liġi, il-pussess irid ikun fis-sens tad-definizzjoni mogħtija mill-artikolu 524 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16). Huwa għalhekk indifferenti jekk il-pussess kienx leġittimu jew illeġittimu, in buona fede jew in mala fede u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik it-tgawdija tkun "animo domini". Jiżdied ukoll illi kwantu għall-molestja, din tista' tikkonsisti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta' ħaddiehor". (ara*

*ukoll* **Michele Azzopardi v Giuseppe Farrugia** - *Kollez. XXVII. I. 622).*

“Fil-kawża tagħhom l-atturi jitolbu wkoll illi x-xogħlijiet magħmula mill-konvenuti, u li bihom jgħidu li ostakolawlhom dan id-dritt ta' passaġġ, jiġu mneħħija. Għar-rigward tal-kwistjoni jekk f’kawża ta’ manutenzjoni, kif għandna fil-każ in eżami, tistax tintalab ir-reintegrazzjoni bħal ma jsir f’waħda ta’ spoll, ir-**Ricci** jgħid illi :

“*Coll’azione in manutenzione si chiede la conservazione o il mantenimento dello stato di fatto in cui il possessore si trova; e poiche’ la condizione attuale di cose non puo’ mantenersi se non a patto che la turbativa cessi, quindi e’ che nella domanda di manutenzione in possesso si contiene implicita e come conseguenziale l’altra d’inibizione al turbatore di proseguire nell’opera o nel fatto molesto da lui intrapreso* …..

“*E sifatta inibizione puo’ riuscire qualche volta insufficiente a raggiungere lo scopo; imperocche’, supposto che il fatto turbativo abbia prodotto variazione nello stato materiale della cosa o nel modo con cui si possedeva, e’ evidente che il mantenimento della condizione di fatto in cui il possessore si trova non si ottiene se non restituendo le cose nel primiero loro stato*.” (op. cit. # 96).”

“Hekk naraw per eżempju li fis-sentenza tagħha tat-13 ta’ Mejju 1991 f’kawża simili ta’ manutenzjoni fil-pussess fl-ismijet : "**Michele Calleja v. Emanuela Cassar et.**”, li ġiet ukoll ikkonfermata fl-Appell, il-Qorti laqgħet, fost oħrajn, it-talba ta’ l-attur sabiex il-konvenuti jiġu kkundannati “ … *jagħmlu dal li hu neċessarju sabiex il-passaġġ imsemmi fiċ-ċitazzjoni jerġa’ jitqiegħed fl-istat oriġinali tiegħu li kien fis-sajf tas-sena 1978*” (Kollez. Vol. LXXVIII. II 358). Huwa evidenti għalhekk illi anke f’kawża bħal dik ittentata mill-atturi, it-talba għar-reintegrazzjoni fl-istat oriġinali hija permessa, anzi kif qal ir-Ricci fil-bran ċitat, xi kultant anke indispensabbli biex l-attur jerġa’ jiġi fit-tgawdija li kien fiha oriġinarjament.

"Niġu għalhekk sabiex naraw jekk jeżistux fil-każ in eżami, l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din. Ġara illi f'Novembru tas-sena 2001 il-Gvern kien qed jagħmel xogħlijiet ta' rikostruzzjoni tat-triq illi miż-Żebbuġ tieħu għall-Għasri. Fil-kors ta' dawn ix-xogħlijiet, il-ħajt tas-sejjieħ li kien jifred l-għalqa tal-konvenuti mit-triq, inbidel b'wieħed tal-kantun. Pero' għal xi raġuni jew oħra selħa li kien hemm qabel f'dan il-ħajt tas-sejjieħ ma tħallietx meta sar il-ħajt il-ġdid[1]. L-atturi pprotestaw dwar dan mal-konvenuti, għax sostnew illi b'hekk kien ingħalqilhom l-aċċess illi huma kellhom minn fuq l-għalqa tal-konvenuti għall-għalqa tagħhom[2]. Il-konvenuti wieġbu li kienu ser jerġgħu jiftħu din is-selħa, imma għall-ħtiġijiet tagħhom biss u mhux ukoll għall-atturi. Huma sostnew illi dawn qatt ma kellhom dritt ta' passaġġ minn fuq ir-raba tagħhom, u l-aċċess għar-raba ta' l-atturi kien minn ġo triq illi tgħaddi minn taħt mina u tiġi tmiss mal-għalqa ta' l-atturi minn naħa tal-lvant[3]. Wara li reġgħet infetħet din is-selħa, kif qalu li kienu ser jagħmlu l-konvenuti, l-atturi xorta waħda ma setgħux jgħaddu minn hemm biex jidħlu fl-għalqa tagħhom, għax sabu l-passaġġ tagħhom ostakolat b'terrapien li l-konvenuti kienu poġġew quddiem din is-selħa[4]. Reġgħu pprotestaw mal-konvenuti dwar dan,[5] u billi dawn baqgħu jinsistu fuq il-pożizzjoni tagħhom u ma neħħewx it-terrapien li kienu qegħdu fl-għalqa tagħhom, l-atturi pproċedew bil-kawża preżenti.

"Fid-depożizzjoni tagħhom l-atturi u ż-żewġ uliedhom sostnew illi l-passaġġ għar-raba tagħhom, illi tiġi fuq in-naħa tat-tramunatana tar-raba tal-konvenuti, u tmiss magħha, minn dejjem kien mis-selħa li kien hemm fil-ħajt li jifred l-għalqa tal-konvenuti mit-triq. Tant hu hekk illi meta missier il-konvenut Gino Cini ġie biex jibni kamra fl-għalqa tiegħu, kien ħalla vojt ta' xi tliet piedi bejn il-ħajt tas-sejjieħ ta' l-għalqa ta' terzi fuq in-naħa tal-punent u l-ħajt ta' din il-kamra, appuntu sabiex l-atturi jkollhom passaġġ minn

[1] Ara ritratti Dokti. VT 9 u VT 10 a fol. 24.
[2] ara kopja ta' ittra uffiċċjali esebita bħala Dok. VT. 5 a fol. 20.
[3] Dok. VT. 6 a fol. 21 u ritratti Dok. VT. 12 a fol. 25 u GC. 1 a fol. 48.
[4] Dok. VT 11 a fol. 25.
[5] Dokti. VT. 7 u VT. 8 a fol. 22, 23.

hemm għall-għalqa tagħhom[6]. Maria Antonia Cini li għandha raba fl-inħawi, ikkonfermat illi l-attur kien jidħol minn din is-selħa u jgħaddi minn fuq l-art tal-konvenuti sabiex jaċċedi għar-raba tiegħu[7].

“Minn naħa l-oħra l-konvenuti nnegaw għal kollox illi l-atturi kienu jgħaddu minn fuq ir-raba tagħhom sabiex jidħlu fl-għalqa tagħhom, u sostnew illi l-aċċess ta' l-atturi kien min triq ossia passaġġ illi kien hemm ma' ġemb l-għalqa ta' l-istess atturi fuq in-naħa tal-lvant u li kont tidħol għaliha minn taħt mina li kienet tgħaddi taħt it-triq prinċipali. Minkejja illi l-atturi jallegaw illi qabel ma saru x-xogħlijiet reċenti, ma kienx possibbli tgħaddi minn din it-triq, billi minn hemm kien jgħaddi l-wied u kien hemm ħafna ġebel u speċjalment wara x-xita kien ikun hemm ħafna ilma, huma pproduċew xhud indipendenti illi għandu raba fl-inħawi u li kkonferma illi l-aċċess għar-raba tiegħu huwa proprju minn dan il-passaġġ ta' taħt il-mina[8]. Sostnew ukoll illi l-kamra fl-għalqa tagħhom ma kienitx inbniet tmiss mal-ħajt biex tiġi evitata l-umdita' u mhux biex jitħalla xi passaġġ għall-atturi. Terġa' proprju fil-parti fejn l-atturi jallegaw illi għandhom dan il-passaġġ, hemm bir u sigra tal-lanġas. In kontro-eżami x-xhud Maria Antonia Cini spjegat illi għalkemm kienet tara l-attur jgħaddi minn fuq ir-raba tal-konvenuti, dan ma kienx ikun minn xi passaġġ partikolari, imma minn nofs l-għalqa[9].

“Billi l-kawża preżenti hija waħda possessorja, din il-Qorti ma hix tenuta tiddeċidi dwar l-eżistenza o meno ta' dritt ta' passaġġ ta' l-atturi minn fuq ir-raba tal-konvenuti, imma sempliċement illi huma, fiż-żmien illi saret il-kawża, kellhom il-**pussess** ta' dan il-passaġġ. Pero', kif rajna fil-ġurisprudenza hawn fuq iċċitata, a differenza ta' kawża ta' spoll, dan il-pussses, f'kawża ta' manutenzjoni, huwa kwalifikat, għax irid ikun *animo domini.* Sabiex jirnexxu fit-talbiet tagħhom, l-atturi huma għalhekk fid-dover illi jippruvaw dan it-tip ta' pussess u xejn inqas. Minn dak li

---

[6] ara affidavits ta' Victor Tabone a fol. 15 - 17 tal-process; ta' Antonia Tabone a fol. 27-28; ta' John Tabone a fol. 29 - 30; u ta' Frank Tabone a fol. 31 - 32; u ritratti Dokt. VT. 1 u VT. 2 a fol. 18, u Dokti. VT.1 u VT. 2 a fol. 124.
[7] ara affidavit tagħha a fol. 33.
[8] ara xhieda ta' Thomas Casha a fol. 111
[9] ara depożizzjoni tagħha a fol. 63.

rriżulta mill-provi prodotti f'din il-kawża, il-Qorti mhix konvinta illi l-aċċess illi l-atturi kienu qegħdin jagħmlu minn fuq ir-raba tal-konvenuti ma kienx qed isir b'mera tollerenza. Il-fatt illi anke qabel ma tqiegħed it-terrapien fl-għalqa tal-konvenuti, kien ġia hemm diversi ostakoli oħra għat-tgawdija ta' dan il-passaġġ, sew bis-siġra tal-lanġas eżattament minn fejn l-atturi jikkontendu illi kellhom jgħaddu, kif ukoll bl-eżistenza tal-bir, ukoll fejn kellu jgħaddi dan il-passaġġ. Dan kollu jispjega dak illi xehdet Maria Antonia Cini fis-sens illi l-attur kien jgħaddi minn nofs l-għalqa tal-konvenuti biex jaċċedi għar-raba tiegħu u mhux minn fuq xi passaġġ partikolari.

"Barra minn hekk hemm impediment ieħor għaliex ma tistax tirnexxi din il-kawża. L-*actio manutentionis* trid issir fi żmien sena mill-allegata molestja. Issa fil-każ in eżami, rriżulta illi s-selħa tassew ġiet imblokkata ftit xhur biss qabel ma ġiet intavolata l-kawża. Imma mhux kontestat illi x-xogħlijiet saru minn kuntratturi inkarigati mill-Gvern u mhux mill-konvenuti. L-unika molestja illi tista' tiġi attribwita lill-konvenuti, hija dik tat-tfiegħ tat-terrapien proprju quddiem fejn kien hemm is-selħa qabel ma saru x-xogħlijiet mill-Gvern. Imma kif xehed il-konvenut Gino Cini, u fuq dan ma ġie kontradett minn ħadd, it-terrapien kien ilu li xeħtu fl-għalqa tiegħu xi sentejn qabel ma saret il-kawża, fl-okkażjoni li kien qed jaħdem f'xi *farmhouse,* u bil-ħsieb li jirranġa l-ħajt tas-sejjieħ li kien hemm qabel ma nbena dak ġdid tal-kantun mill-Gvern.

"Għaldaqstant, billi l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw ta' l-inqas żewġ elementi ta' l-*actio manutentionis*, u ċioe` dak tal-pussess *animo domini* u dak taż-żmien, din il-kawża ma tistax tirnexxi.

"Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi."

**<u>L-APPELL TA' L-ATTURI</u>**

2.1. L-atturi hassewhom aggravati b'din is-sentenza u ghalhekk huma interponew appell minnha b'talba redatta kif gej (ara rikors ta' appell, fol.10 tal-atti tal-appell):

"... ... ... li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell bil-konsegwenza li tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti."

2.2. L-aggravji ta' l-atturi appellanti jistghu jigu sintetizzati kif gej:

(i) li l-ewwel Qorti "applikat il-principji applikabbli skorrettement" (sic). Jidher li l-ewwel Qorti fixklet skond l-appellanti, it-tifsira tat-terminu *animo domini* mal-kwisjoni dwar jekk il-passagg *de quo* ikunx qed jigi ezercitat jew le. Li wiehed jezercita passagg *animo domini* jfisser li huwa jezercita dan il-passagg "bil-kredenza" li jkun qed jezercitah bi dritt, irrispettivament minn jekk ikunx hemm realment dritt ghalih.

(ii) li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata dwar in-nuqqas ta' prova ta' l-element tal-pussess wara li hija evalwat certi fatti b'mod skorrett u, partikolarment, ghad-depozizzjonijiet moghtijin minn Maria Antonia Cini u Thomas Casha;

(iii) Dwar it-tfiegh tat-terrapien fejn kien hemm l-apertura ("selha") fil-hajt tas-sejjiegh, l-appellanti preliminarjament jissottomettu li l-kwistjoni tat-terminu ta' sena ma setghetx titqajjem lill-ewwel Qorti peress li ma gietx sollevata mill-konvenuti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom, u ghalhekk f'dan ir-rigward id-decizjoni tal-Qorti hija *extra petita*, u fi kwalsiasi kaz, huma lanqas qeghdin jaqblu maghha u dan peress li:

(a) mhux minnu li dan it-terrapien tpogga sentejn qabel il-prezentata tal-kawza; u

(b) dan it-terrapien ma kienx l-unika molestja kommessa mill-konvenuti appellati billi dawn ghalqu "s-selha" fil-hajt tas-sejjiegh ripetutament.

Ghalhekk il-molestja tirrizulta mill-provi u l-azzjoni ta' manutenzjoni esperita mill-attur appellanti saret fi zmien sena kif titlob il-ligi.

3. Ma jidher li kien hemm ebda risposta bil-miktub da parti tal-konvenuti appellati ghar-rikors ta' appell interpost mill-atturi.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tiddelibera u tiddeciedi dwar il-meritu tal-appell interpost mill-atturi, thossha fid-dover li ghandha tissenjala l-fatt li d-dicitura adoperata mill-atturi appellanti fit-talba taghhom ghall-fini ta' l-ilqugh tal-appell taghhom m'huwiex ghal kollox sodisfacenti minn punto di vista procedurali u sejra tammetti l-appell fil-forma hekk dedotta b'certu ammont ta' rizerva, u wara li kkonsidrat inoltre li ma saret ebda oggezzjoni jew oppozizzjoni min-naha tal-kontroparti appellata u, fl-ahharnett, ghaliex jekk "jintlaqa' l-appell" – kif awspikat mill-appellanti fir-rikors taghhom – dan ikun qieghed <u>neccessarjament</u> <u>jimplika</u> li effettivament l-appellanti qeghdin jitolbu <u>r-revoka</u> minn kif il-kawza giet deciza mill-ewwel Qorti. Dan kollu qieghed jinghad il-ghaliex dak li huwa espressament mitlub fl-Artikolu 142(2) tal-Kap. 12 jigifieri li:

"Ir-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha."

ma giex segwit ghal kollox, kif espressament hemm rikjest, min-naha tal-appellanti.

5. Fil-mertu, l-atturi appellanti qeghdin jillanjaw mill-fatt li l-enuncjazzjoni u l-interpretazzjoni tad-dritt applikabbli fl-ezercizzju ta' l-*actio manutentionis* intentata minnhom kienu zbaljati. Jillanjaw ukoll illi anke ghal dak li jikkoncerna l-evalwazzjoni u l-apprezzament tal-provi prodotti dawn kienu wkoll skorretti. Ghalhekk huma jissottomettu li t-talbiet taghhom kif kontenuti fl-att tac-citazzjoni promotrici kellhom, minflok, jigu akkolti u mhux michuda.

6. Wara li ppremettew li l-atturi appellanti huma s-sidien u fil-pussess ta' porzjon ta' raba maghruf bhala "Ta' Fejn il-Gibjun" sive "Ta l-Ghasri", fil-limiti ta' Zebbug, Ghawdex, u li ghal dan ir-raba l-atturi jidhlu minn fuq raba iehor li jappartjeni lill-eredi ta' Karmnu sive Carmelo Cini,

jigifieri l-odjerni konvenuti appellati, u wara li jghidu wkoll li din l-art ossija raba, hija "fil-pussess tal-konvenuti", huma jallegaw li dan l-access gie ostakolat. Fil-fatt, l-atturi allegaw li ghall-habta tal-bidu ta' Novembru 2001, il-konvenuti appellati ppretendew li setghu jostakolaw l-access possedut minnhom (i.e. mill-atturi) "billi l-ewwel imblokkaw id-dahla li mit-triq taghti ghal dan ir-raba u wara ffurmaw fetha idjaq minn dik ta' qabel li minnha kienu jezercitaw l-access taghhom u hallew il-parti mir-raba minn fejn jigi ezercitat l-access ostakolat bi kwantita` ta' gebel".

7. Wara li semghet il-provi, l-ewwel Qorti ddecidiet finalment hekk:
"Ghaldaqstant, billi l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw ta' l-inqas zewg elementi ta' l-*actio manutentionis*, u cioe` dak tal-pussess *animo domini* u dak taz-zmien, din il-kawza ma tistax tirnexxi.

"Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-atturi."

8. Ghal fini ta' pratticita` din il-Qorti sejra tibda billi taghti l-fehma taghha dwar l-attendibbilita` o meno tax-xiehda moghtija mill-partijiet kontendenti. Wara li din il-Qorti ezaminat akkuratament dak li gie mressaq b'xiehda, jidhrilha li kemm naha u kemm ohra ma offrietx xiehda li tista tabilhaqq titqies bhala li hija ghal kollhox veritjera jew attendibbli. Min-naha taghhom l-atturi xehdu b'mod – per via ta' sensiela ta' affidavits fejn jirrepetu l-istess fatti bl-uzu ta' kliem identiku bhal pappagall – li jaghtuk x'tifhem li kienu jghaddu mir-raba tal-konvenut b'mod regolari, bla xkiel u li dan id-dritt ta' passagg kien ilu jigi ezercitat sa minn mindu akkwistaw ir-raba minghand certu Dumink Grech, madwar disgha u tletin sena qabel, u li ma kienx minnu li kienu jaghmlu wkoll uzu alternattiv ta' passagg minn wied li kien jaghti ghar-raba taghhom. Min-naha l-ohra, imbaghad, il-konvenuti xehdu b'mod li jaghtuk x'tifhem li l-atturi ma kienu jghaddu qatt mir-raba taghhom u li huma ma raw lil hadd jghaddi minn hemm u li l-atturi kienu invece jghaddu ghar-raba taghhom min-naha tal-

wied minn taht arkata u fejn illum jinsab addirittura imwitti u asfaltat. Jirrizulta inoltre li f'xi zmien l-awtur tal-konvenuti, Karmnu Cini kien bena kamra ckejkna minn fejn allegatament kienu jghaddu l-atturi. Il-binja saret b'mod li thalla spazju wiesa bizzejjed biex l-atturi setghu ikomplu jghaddu minn dak il-passagg. Dwar dan, il-konvenuti jirrispondu li l-binja ma okkupatx il-wisa' kollu ta' dan il-passagg biex il-hitan tal-kamra ma jigux imissu ma' bini u b'hekk tigi evitata l-umdita` u mhux biex tissalvagwardja xi dritt ta' passagg kif pretiz mill-atturi (hekk ara affidavit tal-konvenut Gino Cini, a fol. 101-102 tal-process). L-istess nuqqas ta' qbil jew divergenza hemm fir-rigward tal-fetha fil-hajt tas-sejjiegh (msejha bhala "selha fil-hajt" mill-partijiet). L-atturi jinsistu li din il-fetha kienet proprju turi d-dritt ta' passagg gawdut minnhom. Il-konvenuti, filwaqt li jirrikonoxxu b'mod lakoniku ghall-ahhar il-prezenza ta' din il-fetha, jghidu li din saret minn missierhom ghall-bzonnijiet tieghu u mhux a beneficcju ta' terzi u li kienet tinzamm ingumbrata b'tank taz-zingu meta ma kienx qed isir dhul minnha. Irrizulta inoltre li f'xi zmien meta din il-fetha sfat maghluqa in konsegwenza tal-fatt li l-awtoritajiet civili bidlu l-gebel tal-hajt u ghalquha, magenb il-lok fejn kien hemm il-fetha twaddab xi terrapien mill-konvenuti. L-atturi jghidu li dan sar apposta biex jostakolalhom l-access b'mod vjolenti u arbitrarju, waqt li l-konvenuti jghidu li t-terrapien intrema' hemm ferm qabel ma nqalghet il-kwistjoni dwar id-dritt ta' passagg pretiz mill-atturi.

9. Wara li kkunsidrat sew il-fattispecje tal-kaz, din il-Qorti hija tal-fehma li l-verita`, fuq bazi ta' probabbilita`, tqarreb lejn in-nofs, fis-sens li <u>parti</u> minn dak li nghad taht gurament hija veritjiera u parti ohra hija inveritjiera. Mill-<u>assjem</u> tal-provi, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-fetha fil-hajt tas-sejjiegh kienet tassew tezisti u li din x'aktarx saret mill-awtur tal-konvenuti, Karmnu Cini (illum mejjet) u dan ukoll ghall-fatt li minnha huwa stess kellu access dirett ghar-raba tieghu. Jirrizulta wkoll li l-konvenuti kellhom raba f'dawk l-inhawi, li gie ghandhom minghand certu Dumink Grech (li ma xehdx fil-kawza, x'aktarx ghaliex m'ghadux haj). Biex jghaddu ghar-raba taghhom, il-konvenuti <u>kellhom</u> (u mhux ma kellhomx)

access minn banda ohra fejn hemm arkata u fejn illum gie livellat u moghti kisja ta' asfalt. Peress li dan l-access kien f'wied, jidher li l-passagg tal-konvenuti kien jigi rez diffikultuz fl-istagun tax-xitwa minhabba l-ilmijiet tax-xita u c-caflis u ghalhekk jidher sufficjentement ippruvat li l-konvenuti gieli ghamlu uzu mill-fetha fil-hajt tas-sejjiegh appartenenti lill-familja tal-konvenuti billi jghaddu minnha bir-rigel – mhux sufficjentement car jekk mhux ukoll bl-ingenji – biex eventwalment jaccedu ghar-raba taghhom. Ma hemmx dubbju li ta' lanqas l-awtur tal-konvenuti kien jittollera lill-atturi li jghaddu mir-raba tieghu billi jghaddu mill-fetha fil-hajt. Dan jispjega anke l-fatt li meta l-imsemmi Karmnu Cini bena kamra minn fejn kienu gieli jghaddu l-atturi, halla spazju adegwat biex jithalla access u, skond l-istess atturi, ha l-briga illi javzahom li kien hallielhom tali spazju appozitament. Issa gara li saru xoghlijiet fl-inhawi tar-raba in kwistjoni u li, in konsegwenza ta' dawn ix-xoghlijiet, gie mibdul il-gebel tal-hajt tas-sejjiegh b'dana li l-fetha li pprovdiet access sporadiku ghar-raba tal-konvenuti sfat maghluqa. Appena nghalqet, l-atturi regghu fethuha, in segwitu pero` regghet inghalqet din id-darba mill-konvenuti, sakemm fl-ahhar il-konvenuti regghu fethuha izda ghamlu tank taz-zingu u wrew lill-atturi li dawn ma kellhom ebda dritt li jghaddu minn hemmhekk. Kien proprju f'dan il-punt li l-atturi intavolaw l-azzjoni in ezami li hija maghrufa bhala l-*actio manutentionis*, li hija wahda mill-azzjonijiet hekk imsejha "possessorji", biex jiddistingwu ruhhom minn dawk "petitorji".

10. Ma hemmx dubju li ghal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt, l-azzjoni esperita mill-atturi hija impernjata fuq l-Artikolu 534 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula kif gej:
"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga immobbli, jew ta' universalita` ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista', fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha f'idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju."

Issa ghalkemm m'hemmx dubbju li, minkejja li l-konvenuti jsostnu mod iehor anke fuq dan l-aspett tal-vertenza, molestja kien hemm u li l-azzjoni ta' l-atturi giet esperita fit-terminu ta' sena kif hemm fil-ligi; pero` din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, m'hija xejn konvinta dwar in-natura tal-"pussess" vantat mill-atturi. Bil-fatt wahdu li l-atturi gieli kienu ghamlu uzu minn dik il-fetha u thallew jghaddu mir-raba tal-konvenuti ma jfissirx necessarjament li akkwistaw xi dritt ta' passagg. Kulma rnexxielhom jistabilixxu l-atturi huwa li diversi snin qabel, ir-raba taghhom gie ghandhom tramite xi hadd jismu Dumink Grech, u li din il-persuna qaltilhom (!) li setghu jghaddu mir-raba tal-atturi. Fil-fehma tal-Qorti, dan certament mhux bizzejjed biex jikkwalifika bhala pussess. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li meta l-ligi taghna titkellem dwar x'inhu l-pussess (ara titlu VI, su-titolu 1, Kodici Civili, Kap. 16) wiehed isib li, skond l-Artikolu 524(1):
"Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' haga korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li taghhom tista' tinkiseb il-proprjeta` u li wiehed izomm jew jezercitah bhala tieghu nnifsu."

Huwa proprju dan it-tip ta' *animo domini* li fil-fehma ta' l-ewwel Qorti, li maghha taqbel pjenament din il-Qorti, ma giex sufficjentement ippruvat da parti ta' l-atturi. Fil-fatt, kien sewwa sew ghal din ir-raguni wkoll li meta l-atturi dehrilhom li setghu jergghu jifthu l-fetha fil-hajt bi dritt, il-konvenuti kienu pronti li jirreagixxu billi jghalquha mill-gdid, sakemm fl-ahhar iddecidew li jifthuha pero` fl-istess waqt jingombrawha b'tank biex jimpedixxu liberu access. Kien evidenti li l-konvenuti ma ridux jaccettaw li l-atturi setghu jghaddu minn fuq ir-raba taghhom bi dritt imma biss b'tolleranza min-naha taghhom, kif jirrizulta li kien il-kaz meta l-awtur taghhom, jigifieri missierhom Karmnu Cini, kien ihalli lill-atturi jghaddu minn fuq ir-raba tieghu meta l-access l-iehor kien rez diffikultuz. Din il-koncessjoni fakoltattiva da parti tal-awtur tal-konvenuta ma setghet tissarraf qatt f'pussess. Di fatti, l-Artikolu 526 tal-Kap. 16 huwa esplicitu illi f'materja dwar pussess:
"Dawk l-atti li huma biss fakultattivi jew li jithallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistghux jiswew ta' bazi ghall-ksib tal-pussess."

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-aggravji tal-atturi huma infondati kemm fil-fatt, kif ukoll fid-dritt, u ghalhekk qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta’ l-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------